# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 6 ta' Awissu 2001.
Il-Pulizija,
(Spettur Mario Tonna)
vs
Victor Farrugia.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat:

Victor Farrugia ta' 53 sena, mwieled fis-6 ta' Settembru 1947, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 841347(M), bin Paul u Rose mwielda Buttigieg imwieled il-belt, Valletta, u joqghod 'Krissmark', Triq Maestro Guiseppe Camilleri, Birkirkara.

(1) Fil-11 ta' Novembru 1997 u fit-3 ta' Awissu 1999 bhala proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe` 'Cold Store', numru 58, Telgha ta' Liesse, Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jitwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwalita` mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' elettriku fl-ammont ta' Lm1767. 80c ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-balur u dan ai termini ta' l-Artikoli 18, 261, 26, 264(2), 267, 279 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Taht l-istess cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq meter ta’ l-elettriku tal-marka ‘Landis & Gyse’ bin-numru 4782285 liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10) u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 325(d), 326(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali fejn talab li l-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet l-imputat seduta stante jammetti 1-akkuza.

Rat l-atti w d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza tipprospetta r-reat tal serq aggravat bil-mezz, hin u ammont minhabba mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu 1-uzu jew il-konsum illegittimu tal elettriku jew li bihom seta' waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter. Addizjonalment 1-imputat hu akkuzat li kkaguna hsara fil-meter.

Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizzjonata.

Ghaldaqstant wara li ikkunsidrat l-entita` tal-akkuzi, rat l-fedina penali ta' l-imputat u rat l-Artikolu 261(b)(c), izda mhux taht is-subincis(f) li f'ebda kaz ma jista jissusisti, 264(2), 278, 279, 280, 326(c)(f) u 17 tal-Kap 9 u stante li l-imputat hallas l-ammont intier li kien dovut lill-Korporazzjoni Enemalta, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal tliet snin mil-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152.

A.M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ittraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert  P. Calleja,
Deputat Registratur.